MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 219/2011/1

**JOSEPH MAGRI u ghal kull interess li jista' ikollu RONALD ARRY**

**Vs**

**AWTORITA GHAT-TRASPORT F'MALTA**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija mit-Tribunal ghar-Revizjoni Amministratti tad-29 ta' Mejju 2012 fejn gie deciz:-

*"It-Tribunal:*

*Ra r-Rikors ipprezentat minn Joseph Magri u Ronald Arry fis-7 ta' Ottubru 2011 permezz ta' liema jitolbu li ghar-ragunijiet esposti fir-Rikors taghhom it-Tribunal jirrevoka, in toto jew in parte, id-decizjoni ta' l-*

*Awtorità intimata notifikata lil Joseph Magri b'avviz datat 12 ta' Settembru 2011;*

*Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda bl-ispejjez fil-konfront taghhom, stante li: (i) in linea prelimnari ghandha ssir korrezzjoni f'isem l-Awtorità intimata peress illi ai termini tal-Ligi u senjatament tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta, l-isem korrett taghha huwa Awtorità ghat-Trasport f'Malta; (ii) in linea preliminari wkoll, l-Appell sar fuori termine stante li ai termini tar-Regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, ossia tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikawli Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq, ir-Rikorrenti kellhom iressqu l-Appell taghhom fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata; (iii) fil-meritu t-talba tar-Rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata; u (iv) hija ghamlet l-indagini taghha sew u b'responsabilità u minn dak li rrizultalha harget avviz fejn ghar-ragunijiet indikati fl-istess avviz gew imposti s-sanzjonijiet previsti fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15;*

*Ra li b'Digriet datat 6 ta' Dicembru 2011 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi l-kliem "Awtorità dwar it-Trasport f'Malta" jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "Awtorità ghat-Trasport f'Malta";*

*Ra li waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011 l-Awtorità intimata rtirat it-tieni eccezzjoni taghha izda zammet fermi t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet sollevati minnha;*

*Sema' x-xhieda ta' Ronald Arry[1], ta' Alan Camilleri[2] u ta' Joseph Magri[3] lkoll moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011 u ra d-dokument esebit minn Joseph Magri markat Dok. "JM1" a fol. 17 tal-process, sema' x-xhieda in kontro-ezami ta' Joseph Magri moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2012[4], sema' x-xhieda ta' Joseph Mifsud[5] u ta' Lino Abela[6]*

[1] Fol. 18 tal-process.

[2] Fol. 19 u 20 tal-process.

[3] Fol. 21 u 22 tal-process.

[4] Fol. 27 u 28 tal-process.

[5] Fol. 29 u 30 tal-process.

[6] Fol. 31 tal-process.

*moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2012 u ra d-dokument esebit minn Lino Abela markat Dok. "LA1" a fol. 24 sa' 26 tal-process;*

*Sema' t-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet;*

*Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;*

***Ikkonsidra:***

*Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti Joseph Magri u Ronald Arry jattakkaw id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata notifikata lil Joseph Magri b'avviz datat 12 ta' Settembru 2011, fejn gie infurmat li in segwitu ghal spezzjoni li saret mill-Ufficjali ta' l-Awtorità fuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IBJ-623 fit-12 ta' Settembru 2011, liema vettura kienet ghaddiet minn VRT test esegwit mir-Rikorrent Ronald Arry fit-3 ta' Settembru 2011, gew riskontrati diversi nuqqasijiet ossia: front side windows and rear most window had tint film exceeding the limits stipulated in Subsidiary legislation 65.11 - 20 points; front windscreen obstructions (sun visor exceeding the limits and hanging objects with the rear view mirror) - 20 points; rear number plates lights both not functioning - 10 points; front left tyre had tear casing lifting of the surface tread rubber - 50 points, u li konsegwentement according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 "Testers" item 4, 14, 8 and 12 your Tester Mr. Ronald Arry is therefore being penalized the total points of 100 points (one hundred) that are equivalent to €1,100[7].*

*L-eccezzjonijiet ta' l-Awtorità intimata ghall-Appell interpost mir-Rikorrenti li ghandhom jigu kkunsidrati mit-Tribunal huma t-tielet u r-raba' eccezzjoni, ossia li d-decizjoni notifikata lir-Rikorrent Joseph Magri b'avviz datat 12 ta' Settembru 2011 hija legali u gusta u b'hekk ghandha tigi kkonfermata u li l-Awtorità intimata ghamlet l-indagini taghha sew u b'responsabilità u minn dak li rrizultalha harget avviz fejn ghar-ragunijiet indikati fl-istess avviz gew imposti s-sanzjonijiet previsti fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, u dana stante li l-ewwel zewg eccezzjonijiet gew sorvolati tul il-kors tal-proceduri. In effetti l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorità intimata dwar il-korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri giet sorvolata bid-Digriet tas-6 ta' Dicembru 2011 u t-tieni eccezzjoni dwar it-terminu entro liema gie intavolat l-Appell odjern giet irtirata mill-istess Awtorità.*

*Ir-Rikorrenti jattakkaw id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata in bazi ghall-aggravju preliminari tan-nullità tad-decizjoni stante li hija indirizzata lis-*

[7] Dok. "LA1" a fol. 24 u 25 tal-process.

*sid tal-garaxx, ossia Joseph Magri, filwaqt li qieghda ssib hati mhux lil min huwa indirizzat tali decizjoni, izda lil Ronald Arry, illi huwa attwalment it-Tester tal-garaxx ta' Joseph Magri*[8]*. L-Awtorità intimata tirribatti ghal dan l-aggravju bl-affermazzjoni li d-decizjoni taghha hija legali u gusta, u in sostenn ta' dak minnha affermat taghmel ampja referenza ghar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq, Legislazzjoni Sussidjarja 65.15.*

*Ir-Regolament li ghandu jigi kkunsidrat ghall-finijiet ta' l-aggravju preliminari sollevat mir-Rikorrenti huwa r-Regolament 21, u senjatament is-subregolamenti (1), (2) u (4), tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 li gie introdott bl-Avviz Legali 43 ta' l-2008. L-imsemmi Regolament kif introdott b'dak l-Avviz Legali u emendat bl-Avviz Legali 90 ta' l-2010 jipprovdi li: (1) Operatur li jonqos li jhares il-kundizzjonijiet ta' kuntratt ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u persuna li tittestja li tonqos milli thares il-kondizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jittestjaw, ikunu qed jikkontravjenu l-kundizzjonijiet imsemmija u jehlu l-punti ta' penalità u l-multi amministrattivi mnizzla fit-Tnax-il Skeda; (2) Meta operatur jonqos milli jhares il-kondizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li tittestja tonqos milli thares il-kundizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jittestjaw, l-ufficjal awtorizzat* ***ghandu jaghti lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, skond ma jkun il-kaz, avviz bil-miktub li jkun jispecifika il-ksur tal-kundizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta' penalità li jkunu se jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li biex tittestja, u l-multa amministrattiva li tkun se tigi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur****; (4)* ***Il-multa amministrattiva ghandha tkun €11 ghal kull punt ta' penalità li jitnaqqas lill-operatur***[9]*.*

*Minn dan ir-Regolament johorgu zewg punti fondamentali fil-kuntest ta' sitwazzjoni fejn l-Awtorità intimata ssib li operatur u/jew tester jonqsu milli jharsu l-kondizzjonijiet tar-Regolamenti li huma marbuta li josservaw: (i) illi l-persuna fil-konfront ta' min tittiehed id-decizjoni – l-operatur jew it-tester skond il-kaz –* ***ghandu*** *jigi notifikat bid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu; u (ii) il-multa amministrattiva tigi imposta fuq l-operatur fir-rigward ta' vjolazzjonijiet* ***imwettqa minnu stess*** *skond il-punti ta' penalità li* ***jitnaqqsu lilu direttament****.*

---

[8] Rikors promotur fol. 1 sa' 3 tal-process.

[9] Enfasi tat-Tribunal.

*Kif gustament osservat mir-Rikorrent Joseph Magri, bid-decizjoni taghha l-Awtorità intimata sabet lit-tester Ronald Arry hati talli, skontha, naqas milli josserva l-kondizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq meta esegwixxa l-VRT test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBJ-623, tant illi ghaddiet biex tnaqqaslu 100 punti ta' penalità bhala sanzjoni – according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 "Testers" item 4, 14, 8 and 12 your Tester Mr. Ronald Arry is therefore being penalized the total points of 100 points (one hundred)*[10]*. B'dik l-istess decizjoni però l-Awtorità intimata ghaddiet ukoll biex timponi fuq Joseph Magri multa amministrattiva ta' €1,100, ekwivalenti ghal €11 fuq kull punt ta' penalità li tnaqqsu lit-tester, Ronald Arry ghalkemm bl-iktar mod car u evidenti lil Magri direttament ma tnaqqsulux punti ta' penalità.*

*Ma hemmx dubju li l-multa amministrattiva giet imposta fuq Joseph Magri u mhux fuq Ronald Arry ghaliex bl-avviz tat-12 ta' Settembru 2011 mibghut lil Magri, l-Awtorità intimata kjarament kienet qed tinterpella lilu u mhux lil Arry ghall-hlas. Apparte minhekk jirrizulta b'mod car li Arry lanqas biss gie notifikat b'dik id-decizjoni. In effetti huwa xehed illi jiena nahdem bhala VRT tester ma' Magri Autocare. Minghand l-Awtorità jiena qatt ma ircevejt ebda forma ta' korrispondenza fir-rigward ta' nuqqasijiet ravvizati fil-vettura IBJ 623*[11] *u dak minnu affermat ma giex kontradett mill-Awtorità intimata anzi, mid-dokument Dok. "LA1" esebit a fol. 24 sa' 26 tal-process jirrizulta li n-notifika ta' dik id-decizjoni saret biss lil Magri. Jirrizulta wkoll li ai termini tar-Regolament 21(2) l-multa amministrattiva tigi imposta fuq l-operatur u mhux fuq it-tester izda, kif già iktar 'l fuq osservat, l-operatur jehel il-multa amministrattiva biss fuq il-vjolazzjonijiet addebitati lilu u mhux ukoll fuq il-vjolazzjonijiet addebitati lit-tester.*

*Id-disposizzjonijiet tar-Regolament 21(2) u (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 huma ferm cari u ma hemmx lok ta' interpretazzjoni ohra hlief dik appena moghtija u cioè li l-operatur jehel il-multa amministrattiva biss fuq il-vjolazzjonijiet addebitati lilu direttament. Tant hu hekk il-kaz u tant hija din l-interpretazzjoni tar-Regolament in kwistjoni li it-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif applikabbli fid-data tad-decizjoni kontestata, ossia fit-12 ta' Settembru 2011, kienet tipprovdi tabella ghas-sistema ta' punti ta' penalità ghall-fini li jigi determinat in-numru ta' punti ta' penalità li ghandhom jinghataw*

[10] Sottolinear tat-Tribunal.

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011, fol. 18 tal-process.

*għall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' operatur* ***u*** *tabella* ***oħra separata*** *għas-sistema ta' punti ta' penalità għall-fini li jiġi determinat in-numru ta' punti ta' penalità li għandhom jingħataw għall-ksur tal-kondizzjonijiet ta' tester.*

*Għalkemm skont dawn iż-żewġ tabelli hemm diversi nuqqasijiet li għalihom l-operatur u t-tester jiġu ppenalizzati bl-istess ammont punti ta' penalità, b'daqshekk ma jfissirx li l-Awtorità intimata setgħet arbitrarjament timponi multa amministrattiva fuq l-operatur, ossia Joseph Magri, għal ksur addebitat lit-tester, ossia Ronald Arry, biss. Għalkemm ir-Regolament 10*[12] *tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif applikabbli fiż-żmien tad-deċiżjoni kontestata kien inter alia jipprovdi li l-operatur għandu jkun kompletament responsabbli għall-proċeduri kollha ta' testijiet li jsiru fl-istazzjoni*[13]*, b'daqshekk ukoll ma jfissirx li l-Awtorità intimata setgħet, nonostante dak provdut fir-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, timponi multa amministrattiva fuq l-operatur għall-vjolazzjonijiet imputabbli lit-tester tiegħu.*

*Huwa evidenti għalhekk li ladarba fid-deċiżjoni tagħha notifikata lir-Rikorrent Joseph Magri b'avviż datat 12 ta' Settembru 2011, l-Awtorità intimata ma sabitx lill-istess Magri ħati ta' vjolazzjoni tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq u ma naqqsiltu ebda punti ta' penalità, id-deċiżjoni tagħha li timponilu multa amministrattiva ta' €1,100 għall-vjolazzjonijiet imputabbli lit-tester Ronald Arry, hija nulla u bla effett fil-Liġi in kwantu dik id-deċiżjoni ma hija sorretta minn ebda provvediment tal-Liġi u/jew Regolament relattiv.*

*Hemm aspett ieħor li jeffettwa l-validità tad-deċiżjoni in kontestazzjoni u cioè l-fatt li dik l-istess deċiżjoni ma ġietx notifikata lil Ronald Arry, għad illi biha huwa nstab ħati ta' vjolazzjoni tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq u ġie penalizzat billi tnaqqsulu 100 punti ta' penalità.*

*Huwa prinċipju stabbilit fid-Dritt Amministrattiv Ingliż li procedural safeguards, which are so often imposed for the benefit of persons affected by the exercise of administrative powers, are normally regarded as mandatory, so that it is fatal to disregard them. ... In notices affecting private rights, particularly where the effect is penal, scrupulous observance of statutory conditions is normally required*[14]*. Fil-fehma tat-*

---

[12] Kondizzjonijiet għall-operatur b'kuntratt.

[13] Regolament 10(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15.

[14] Administrative Law, H.W.R. Ware & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg 187 u 188.

*Tribunal dan il-principju ghandu japplika b'ugwal mod fid-Dritt Amministrattiv nostrali, partikolarment meta n-notifika ta' decizjoni ta' awtorità pubblika fil-konfront tal-privat hija tassttivament rikjesta bil-Ligi bhal ma huwa l-kaz ta' decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-kuntest tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq mehuda fil-konfront tal-VRT tester, jew l-operatur skond il-kaz. Jigi ribadit illi r-Regolament 21(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 jipprovdi li meta operatur jonqos milli jhares il-kondizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li tittestja tonqos milli thares il-kundizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jittestjaw,* ***l-ufficjal awtorizzat ghandu jaghti lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, skond ma jkun il-kaz, avviz bil-miktub li jkun jispecifika il-ksur tal-kundizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta' penalità li jkunu se jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li biex tittestja, u l-multa amministrattiva li tkun se tigi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur***[15]*.*

*B'hekk in-nuqqas ta' notifika tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata lil Ronald Arry jirrendi dik l-istess decizjoni nulla u bla effett fil-Ligi fil-konfront tieghu wkoll.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-aggravju preliminari tar-Rikorrenti, jiddikjara d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata tat-12 ta' Settembru 2011 nulla u bla effett fil-Ligi u konsegwentement jannulla l-istess decizjoni.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-Awtorità intimata.*

Illi l-Awtorita appellanti appellat minn dina id-decizjoni biss sa fejn din tirrigwarda lill-appellat Ronald Arry abbazi tas-segwenti aggravvji:

1. Illi ghalkemm id-decizjoni ta'l-Awtorita appellanti tat- 12 ta' Settembru 2012 hija indirizzata lill-operatur tal-VRT station u cioe' lil Joseph Magri, madanakollu din l-istess decizjoni kienet tikkoncerna wkoll lill-appellat Ronald Arry. Dan sar abbazi ta' dak li tipprovdi il-ligi fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 u cioe' ir-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vettturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq. U dana b'mod specjali ir-regolament numru 2 li jipprovdi id-definizzjoni ta' "operatur" u "test" marbuta mar-regolamenti 10(1)(a), 19(2) u (3) u ir-regolament 34

[15] Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.

li juru li huwa l-opertatur li jibqa' responsabbli ghal VRT *station* tieghu, ghat-testijiet li isiru hemmhekk kif ukoll ghat-*tester* impjegat mieghu li iwettaq dawn it-testijiet.

2. Illi bl-appell minnu introdott quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni Amministrattiva, l-appellat Ronald Arry kien qed jaghti ruhu b'notifikat bid-decizjoni ta'l-Awtorita' u bl-applikabbilita ta' tali decizjoni fil-konfront tieghu. Dana l-punt gie sorvolat mit-Tribunal.

3. Illi ir-Regolament 21(1) tal-Legislazzjoni sussidjarja 65.15 jawtorizza lill-Awtorita appellanti timponi kemm punti ta' penalita kif ukoll multi amministrattivi fuq it-*tester* jew operatur ta' VRT station, skond il-kaz.

4. Illi *ex admissis* l-appellat Ronald Arry stqarr illi huwa ma kienx ghamel certu verifiki dwar wiehed jew izjed min-nuqqasijiet riportati mill-Awtorita' appellanti. Dana il-fatt ma inghatax importanza mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu.

Illi l-appellati Joseph Magri u Ronald Arry jilqghu ghal dan l-appell billi preliminarjament jissollevaw il-pregudizzjali dwar l-irritwalita' ta' l-appell interpost mill-Awtorita' u dana billi aderit man-nullita tad-decizjoni iddikjarata mit-Tribunal fil-konfront ta' Joseph Magri, izda imbaghad ikkontestat id-dikjarazzjoni tan-nullita ta'l-istess decizjoni fil-konfront ta' l-appellat Ronald Arry. Dana ghaliex isostnu illi d-decizjoni hija wahda u ma tistax titqies valida fil-konfront ta' persuna wahda u invalida fil-konfront ta'l-ohra. Ma jistax, isostnu, ikun hemm nullita relattiva ta' decizjoni.

Illi jibda biex jinghad illi d-decizjoni amministrattiva li inghatat mill-Awtorita kienet wahda u cioe' dik mahruga f'isem Joseph Magri. Dana jirrizulta mid-Dokument JM1 esebiet a fol 17 tal-process tal-ewwel istanza. In-notifika ta' tali decizjoni wkoll saret lill-istess Magri. Illi l-ligi rilevanti ghal kaz in dizamina huwa ir-regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 li fis-sub-inciz 2 jispecifika kif il-parti li kontra tieghu tinghata id-decizjoni amministrattiva ghandu jigi notifikat b'tali decizjoni meta jinghad:

(1) ***Operatur li jonqos li jhares il-kondizzjonijiet ta' kuntratt ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u persuna li tittestja li tonqos milli thares il-kondizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jkollhom licenza biex jittestjaw, ikunu qed jikkontravjenu l-kondizzjonijiet imsemmija u jehlu l-punti ta' penalità u l-multi amministrattivi mnizzla fit-Tnax-il Skeda.***

(2) *Meta operatur jonqos milli jhares il-kondizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li tittestja tonqos milli thares il-kondizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jkollhom licenza biex jittestjaw,* ***l-Awtorità ghandha taghti lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, skond ma jkun il-kaz,*** *avviz bil-miktub li jkun jispecifika l-ksur tal-kondizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta' penalità li jkunu ser jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, il-multa amministrattva li tkun ser tigi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur, u l-perjodu li fih għandha tiġi mħallsa l-multa amministrattiva skont is-subregolament (5). L-avviż għandu jgħid ukoll li n-nuqqas ta' ħlas tal-multa fil-perjodu msemmi jwassal għas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni ta' operatur u għall-impożizzjoni ta' multa kuljum skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (7).*"

Minn din id-dicitura ma hemmx dubbju illi id-decizjoni li tinghata fil-konfront ta' operatur ma tistax tinkorpora fiha decizjoni wkoll ghar-rigward tal-persuna li tittestja il-vetturi, sakemm din ma tkunx l-istess persuna. Kull wiehed minn dawn iz-zewg figuri ghandhom jinghataw avviz bil-miktub separat u notifikat individwalment lilhom. Huwa legalment u guridikament inkoncepibbli kif tista' tinghata decizjoni, anke wahda amministrattiva f'isem persuna u fl-istess decizjoni tigi ikkundannata persuna ohra. Iktar u iktar meta dik il-persuna qatt ma tigi notifikata b'tali decizjoni.

Stabbilit ghalhekk illi d-decizjoni mertu ta' dawn il-proceduri inghatat biss fil-konfront ta' Joseph Magri, u mhux ukoll fil-konfront ta' Ronald Arry, u in vista tal-fatt illi t-Tribunal iddikjara tali decizjoni tat-12 ta' Settembru 2011 nulla u bla effett u ghaddiet sabiex annullat l-istess decizjoni, kwindi il-Qorti issib illi l-appellati ghandhom ragun meta isostnu illi l-Awtorita appellanti hija prekluza milli titlob ir-riforma ta' tali decizjoni billi din kienet decizjoni unika moghtija fil-konfront ta' Joseph Magri. Dana ghaliex anke jekk *gratia argomenti*, din il-Qorti kellha tilqa' l-aggravvji ta'l-Awtorita, ma hux ser ikun posibbli illi tali decizjoni tigi dikjarat valida fil-konfront ta' Ronald Arry u ghalhekk tigi riattivata billi tali decizjoni qatt ma inghatat f'isem l-imsemmi Arry, izda biss f'isem Joseph Magri u kwindi qatt ma tista' tkun ta' pregudizzju ghal terzi mhux formanti parti minn tali decizjoni.

Illi din il-Qorti hija marbuta ma' dak mitlub mill-appellanti fir-rikors taghha ta'l-appell fejn dak li qed jigi mitlub huwa il-konferma tad-decizjoni tat-Tribunal fejn din iddikjarat id-decizjoni nulla fil-konfront ta' Joseph Magri izda tirrevokaha fejn din iddikjarata nulla fil-konfront ta' Arry. Illi kif diga inghad it-Tribunal wasal ghal decizjoni wahda abbazi ta' diversi motivazzjonijiet. Izda id-*decide* ordnat l-annullament tad-decizjoni tat-12 ta' Settembru 2011, liema decizjoni hija wahda u indirizzata unikament fil-konfront ta'l-operatur biss.

Kwindi il-pregudizzjali sollevata mill-appellanti jisthoqqilha akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara l-appell interpost mill-Awtorita appellanti bhala wiehed irritwali, tghaddi sabiex tichad l-istess.

L-ispejjez ikunu ghak-karigu tal-Awtorita appellanti.

Edwina Grima

Imhallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------